

# BIEX MA JINTESEWX

## Dun Ġużepp Buhagiar

*Tagħrif miġbur minn* ***Dun Karm Cassar***

Kont ilni nfittex xi tagħrif dwar Dun Ġużepp Buhagiar minn Għajnsielem, imlaqqam "tas-Siks" jew "ta' Ċatu", li l-familjari tiegħu niftakarhom joqgħodu f'tarf Triq Simirat, faċċata tal-wied. Bħala saċerdot kont xi drabi mmur għand niesu nqarar lil oħtu Bernarda u niftakar kont nara ritratt kbir ta' qassis, li dak iż-żmien ma kontx naf min hu

Wara l-mewt ta' oħtu Bernarda, Sunta, oħtu, xbejba tal-Museum, ma' oħtu Pawla, miżżewġa lil Loreto Debono, imlaqqam "Stiefnu ż-żgħir", marru joqgħodu, minħabba ċirkustanzi tax-xogħol, l-Isla Malta, fejn naħseb li baqgħu sal-mewt.

Ma' dawn l-aħwa, Dun Ġużepp kellu oħtu oħra, soru tal-klawsura li mietet morduma fit-tieni Gwerra Mondjali, li jien ma nafhiex. Niftakar li qabel ma telqu lejn Malta, il-familjari tiegħu kienu rregalaw liċ-Ċirklu tal-Azzjoni Kattolika, erba' inkwadri kbar, li jekk għadni niftakar sew jirrappreżentaw erba' appostli, u dawn il-kwadri llum jinsabu fl-entrata tad-Dar Parrokkjali ta' Għajnsielem.

Fejn ma stajtx nasal jiena wasal Dun Dumink Camilleri minn Nadur, li wassalli tagħrif siewi dwar Dun Ġużepp Buhagiar u hawn jien sa nġib sew kif kitbu hu, u ta' dan jiena nroddlu ħajr:

Dun Ġużepp Buhagiar twieled fit-12 ta' Settembru 1885, fil-parroċċa ta' Għajnsielem. Il-ġenituri kienu Anton u Carmela nee' Buttiġieġ. Ġie mgħammed mill-kappillan Dun Pietru Pawl Galea fejn tawh l-ismijiet ta' Ġużepp, Loreto u Mikiel. Bħala parrinijiet kellu z-zijiet tiegħu lil Pietru Buhagiar, iben Salvu, u Rożarja.
Ma nafu xejn dwar it-tfulija tiegħu jew fejn mar skola elementari. Nafu biss li dak iż-żmien fil-parroċċa tan-Nadur kien hemm skola żgħira li kienet infetħet fis-sena 1842, li f'dak iż-żmien li qegħdin nitkellmu, kienet immexxija minn Dun Salv Vella (1827-1899). Din l-iskola hi t-tieni waħda f'Għawdex wara dik tar-Rabat. Dun Salv mexxiha għal 45 sena, mis-sena 1852 sal-1897. Għalhekk jista' jingħad li Dun Ġużepp mar f'din l-ewwel skola li kienet l-eqreb skola ta' fejn kien joqgħod biex jieħu l-ewwel formazzjoni edukattiva.
Wara li ġie aċċettat fis-seminarju tal-Qalb ta' Ġesù ta' Għawdex, Dun Ġużepp ħa l-ewwel ordni klerikali tat-tonsura fis-17 ta' Diċembru, 1904. Għalhekk sena wara l-oħra rċieva l-ordnijiet minuri u dawk maġġuri: Ostjarjat fis-sena 1905; Lettorat fit-22 ta' Diċembru 1910; ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Diċembru, 1911 fl-eta' ta' 26 sena. Kienu sitta ordnati f'din is-sena. Ġie ordnat fil-Katidral ta' Għawdex mill-Isqof Mons. Ġanmarija Camilleri O.S.A.

Wara li għamel xi snin jaħdem fil-parroċċa ta' Għajnsielem, insibu li l-familja tiegħu marret tgħix Malta tfittex xogħol aħjar għall-familja. Dun Ġużepp mar fil-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Wara, fis-19 ta' Ġunju 1918, l-Isqof Mauro Caruana (1915-1943) waqqaf il-viċi parroċċa ta' San Bastjan li baqgħet parti mill-Parroċċa ta' San Ġorġ sal-15 ta' Jannar 1936 meta ħa l-pussess l-ewwel kappillan tal-parroċċa l-ġdida ta' San Bastjan.

Tul dawn is-snin kien hemm ħames viċi-parroċċi u Dun Ġużepp kien l-ewwel wieħed. Irriżenja wara sitt xhur, fit-23 ta' Jannar 1919, għax kiteb fl-ittra tar-riżenja, li nqalgħulu xi diffikultajiet u ma setax isolvihom. Bħala viċi-parrokku ta' San Sebastjan, kellu d-dmirijiet li jqaddes kuljum, iqarar, jassisti mal-morda u l-moribondi billi jamministra wkoll il-Vjatku u l-aħħar Sagramenti, jgħallem il-katekiżmu lit-tfal u jipprietka f'dawk il-ġranet kollha li l-kappillan tal-parroċċa kellu l-obbligu jipprietka. Fil-knisja tiegħu, il-viċi-parrokku la seta jgħammed, la jżewweġ u lanqas imexxi funerali. Kien jingħata żewġ xelini u nofs kuljum (0.29 cents ta' euro) mid-dħul tal-kappillan, total ta' 30 lira (€70).

Dun Ġużepp kien joqgħod f'numru 7, Triq San Sebastjan, Ħal Qormi. Wara li kien irriżenja, mar jagħmel xi xogħol pastorali fi Franza (jista' jkun f'Marsilja fejn kien hemm ħafna emigranti Maltin). Meta reġa lura reġa mar joqgħod Ħal Qormi. Iżda nafu li wara xi żmien mar joqgħod il-Belt Valletta fejn kien joqgħod f'numru 104, Triq San Pawl. Kien jieħu ħsieb il-knisja filjali ta' San Pawl Nawfragu u l-knisja ta' San Nikola magħrufa aħjar bħala tal-Erwieħ. Dun Karm Cassar li għadu mimli bl-għomor, illum għandu 89 sena, jirrakkonta li f'ħajtu rah darba biss għaddej minn ta' Passi f'raħal twelidu u dan kien għadu tfajjel ta' madwar 10 snin.

Dun Ġużepp Buhagiar miet fis-6.00pm tas-26 ta' Ottubru tas-sena 1937, fl-eta' ta' 52 sena. Ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.